Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 425/2007

tad-19 ta' April 2007

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni

(ĠU L 56M, 29.2.2008, p. 297)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament (UE) 2018/974 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018	L 179	14	16.7.2018

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 425/2007

tad-19 ta' April 2007

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni

▼M1

—————

▼B

Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006, id-definizzjonijiet, l-ispjegazzjonijiet u l-linji ta' gwida għar-rappurtar tad-*data* addizzjonali stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw.

Artikolu 3

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006, l-istatistika għandha tiġi trażmessa jew *uploaded* b'mezzi elettroniċi lill-punt ta' aċċess uniku għad-*data* fl-Eurostat skond id-deskrizzjoni tal-fajls tad-*data* u l-mezz ta' trażmissjoni definiti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

It-trażmissjoni għandha tkun konformi ma' l-istandards xierqa ta' skambju speċifikat mill-Eurostat.

Artikolu 4

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006, il-Kummissjoni għandha xxerred, bi kwalunkwe mezz u bi kwalunkwe struttura tad-*data*, id-*data* kollha speċifikata fl-Anness A sa F ta' l-istess Regolament (KE) Nru 1365/2006 li ma tiġix iddikjarata bħala kunfidenzjali mill-Istati Membri.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

L-Annessi A sa F tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006 jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS A

Tabella A1. Merkanzija ttrasportata skond it-tip ta' oġġett (*data* annwali)

Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	2 karattri alfanumeriċi	"A1"	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2 karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	"yyyy"	
Pajjiż/reġjun tat-tagħbija	4-karattri alfanumeriċi	NUTS2 (*)	
Pajjiż/reġjun tal-ħatt	4-karattri alfanumeriċi	NUTS2 (*)	
Tip ta' trasport	1-karattru numeriku	1 = Nazzjonali 2 = Internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = Tranżitu	
Tip ta' oġġett	2-karattri numeriċi	NST 2000 (**)	
Tip ta' imballaġġ	1-karattrui numeriku	1 = Merkanzija f'kontejners 2 = Merkanzija mhux f'kontejners u kontejners vojta	
Tunnellati ttrasportati			Tunnellati
Tunnellati-Km			Tunnellati-Km

(*) Meta l-kodiċi reġjonali ma tkunx magħrufa jew ma tkunx disponibbli, tintuża l-kodifikazzjoni li ġejja:
— "NUTS0 + ZZ" meta l-kodiċi NUTS tkun teżisti għall-pajjiż sieħeb.
— "Il-kodiċi ISO + ZZ" meta l-kodiċi NUTS ma tkunx teżisti għall-pajjiż sieħeb.
— "ZZZZ" meta l-pajjiż sieħeb ma jkunx magħruf kompletament.

(**) Għas-sena ta' referenza 2007 biss, tista' tintuża l-klassifikazzjoni NST/R għar-rappurtar tat-tip ta' oġġett kif spjegat fl-Anness F.

▼B

ANNESS B

Tabella B1. Trasport skond in-nazzjonalità tal-bastiment u skond it-tip ta' bastiment (*data* annwali)

Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	2-karattri alfanumeriċi	"B1"	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	"yyyy"	
Pajjiż/reġjun tat-tagħbija	4-karattri alfanumeriċi	NUTS2 (*)	
Pajjiż/reġjun tal-ħatt	4-karattri alfanumeriċi	NUTS2 (*)	
Tip ta' trasport	1-karattru alfabetiku	1 = Nazzjonali 2 = Internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = Tranżitu	
Tip ta' bastiment	1-karattru numeriku	1 = Barkun immotorizzat 2 = Barkun mhux immotorizzat 3 = Barkun tat-tanker immotorizzat 4 = Barkun tat-tanker mhux immotorizzat 5 = Bastimenti oħrajn li jġorru l-merkanzija 6 = Bastiment marittimu	
Nazzjonalità tal-bastiment	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali) (**)	
Tunnellati ttrasportati			Tunnellati
Tunnellati-Km			Tunnellati-Km

(*) Meta l-kodiċi reġjonali ma tkunx magħrufa jew ma tkunx disponibbli, tintuża l-kodifikazzjoni li ġejja:
— "NUTS0 + ZZ" meta l-kodiċi NUTS tkun teżisti għall-pajjiż sieħeb.
— "Il-kodiċi ISO + ZZ" meta l-kodiċi NUTS ma tkunx teżisti għall-pajjiż sieħeb.
— "ZZZZ" meta l-pajjiż sieħeb ma jkunx magħruf kompletament.

(**) Meta l-kodiċi NUTS ma tkunx teżisti għall-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-bastiment, tiġi rrappurtata l-kodiċi ISO nazzjonali. Fil-każ li n-nazzjonalità tal-bastiment ma tkunx magħrufa, il-kodiċi li għandha tintuża hija "ZZ".

Tabella B2. Traffiku tal-bastimenti (*data* annwali)

Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	2-karattri alfanumeriċi	"B2"	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	"yyyy"	

▼B

Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tip ta' trasport	1-karattru alfabetiku	1 = Nazzjonali 2 = Internazzjonali (ħlief it-tranżiti) 3 = Tranżitu	
Numru ta' movimenti ta' bastimenti mgħobbija			Movimenti tal-bastimenti
Numru ta' movimenti ta' bastimenti vojta			Movimenti tal-bastimenti
Bastiment -Km (bastimenti mgħobbija)			Bastiment-Km
Bastiment-Km (bastimenti vojta)			Bastiment-Km

NOTA: Il-provvediment ta' din it-Tabella B2 mhux obbligatorju.

▼B

ANNESS C

Tabella C1. Trasport tal-kontejners skond it-tip ta' oġġett (*data* annwali)

Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	2-karattri alfanumeriċi	"C1"	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	"yyyy"	
Pajjiż/reġjun tat-tagħbija	4-karattri alfanumeriċi	NUTS2 (*)	
Pajjiż/reġjun tal-ħatt	4-karattri alfanumeriċi	NUTS2 (*)	
Tip ta' trasport	1-karattru numeriku	1 = Nazzjonali 2 = Internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = Tranżitu	
Daqs tal-kontejner	1-karattru numeriku	1 = 20' unitajiet ta' tagħbija 2 = 40' unitajiet ta' tagħbija 3 = unitajiet ta' tagħbija > 20' u < 40' 4 = unitajiet ta' tagħbija > 40'	
Status tat-tagħbija	1-karattru numeriku	1 = Kontejners mgħobbija 2 = Kontejners vojta	
Tip ta' oġġett	2-karattri numeriċi	NST 2000 (**)	
Tunnellati ttrasportati			Tunnellati
Tunnellati-Km			Tunnellati-Km
TEU			TEU
TEU-Km			TEU-Km

(*) Meta l-kodiċi reġjonali ma tkunx magħrufa jew ma tkunx disponibbli, tintuża l-kodifikazzjoni li ġejja:
— "NUTS0 + ZZ" meta l-kodiċi NUTS tkun teżisti għall-pajjiż sieħeb.
— "Il-kodiċi ISO + ZZ" meta l-kodiċi NUTS ma tkunx teżisti għall-pajjiż sieħeb.
— "ZZZZ" meta l-pajjiż sieħeb ma jkunx magħruf kompletament.

(**) Għas-sena ta' referenza 2007 biss, tista' tintuża l-klassifikazzjoni NST/R għar-rappurtar tat-tip ta' oġġett kif spjegat fl-Anness F.

▼B

ANNESS D

Tabella D1. Trasport skond in-nazzjonalità tal-bastimenti (*data* ta' kull tliet xhur)

Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	2-karattri alfanumeriċi	"D1"	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	"yyyy"	
Kwart ta' sena	2-karattri numeriċi	41 = L-1 kwart 42 = It-2 kwart 43 = It-3 kwart 44 = Ir-4 kwart	
Tip ta' trasport	1-karattru numeriku	1 = Nazzjonali 2 = Internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = Tranżitu	
Nazzjonalità tal-bastiment	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali) (*)	
Tunnellati ttrasportati			Tunnellati
Tunnellati-Km			Tunnellati-Km

(*) Meta l-kodiċi NUTS ma tkunx teżisti għall-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-bastiment, tiġi rrappurtata il-kodiċi ISO nazzjonali. Fil-każ li n-nazzjonalità tal-bastiment ma tkunx magħrufa, il-kodiċi li għandha tintuża hija "ZZ".

Tabella D2. Trasport bil-kontejner skond in-nazzjonalità tal-bastimenti (*data* ta' kull tliet xhur)

Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	2-karattri alfanumeriċi	"D2"	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	"yyyy"	
Kwart tas-sena	2-karattri numeriċi	41 = L-1 kwart 42 = It-2 kwart 43 = It-3 kwart 44 = Ir-4 kwart	
Tip ta' trasport	1-karattru numeriku	1 = Nazzjonali 2 = Internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = Tranżitu	
Nazzjonalità tal-bastiment	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali) (*)	
Status tat-tagħbija	1-karattru numeriku	1 = Kontejners mgħobbija 2 = Kontejners vojta	
Tunnellati ttrasportati			Tunnellati

▼B

Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tunnellati-Km			Tunnellati-Km
TEU			TEU
TEU-Km			TEU-Km

(*) Meta l-kodiċi NUTS ma tkunx teżisti għall-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-bastiment, tiġi rrappurtat il-kodiċi ISO nazzjonali. Fil-każ li n-nazzjonalità tal-bastiment ma tkunx magħrufa, il-kodiċi li għandha tintuża hija "ZZ".

▼B

ANNESS E

Tabella E1. Trasport ta' merkanzija (*data* annwali)

Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	2-karattri alfanumeriċi	"E1"	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	"yyyy"	
Tip ta' trasport	1-karattru numeriku	1 = Nazzjonali 2 = Internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = Tranżitu	
Tip ta' oġġett	2-karattri numeriċi	NST 2000 (*)	
Totral ta' tunnellati trasportati			Tunnellati
Total ta' tunnellati-Km			Tunnellati-Km

(*) Għas-sena ta' referenza 2007 biss, tista' tintuża l-klassifikazzjoni NST/R għar-rappurtar tat-tip ta' oġġett kif spjegat fl-Anness F.

▼B

ANNESS F

IN-NOMENKLATURA TAL-MERKANZIJA

It-tip ta' merkanzija għandha tiġi rrappurtata skond il-klassifikazzjoni NST-2000 ([1]) kif muri fit-Tabella F.1. Għandha tintuża l-kodiċi b'żewġ numri tal-kolonna "Gruppi NST-2000".

Madankollu, fl-2007 biss, l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw il-klassifikazzjoni NST/R ([2]) kif murija fit-Tabella F.2 għar-rappurtar tat-tip ta' merkanzija. Għandha tintuża l-kodiċi b'żewġ numri tal-kolonna "Gruppi ta' merkanzija".

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jirrappurtaw id-*data* biż-żewġ klassifikazzjonijiet fl-2007. Mill-2008 'l quddiem, il-klassifikazzjoni NST-2000 biss għandha tkun valida.

Tabella F.1 Klassifikazzjoni NST-2000

Gruppi NST-2000	Deskrizzjoni tal-merkanzija
01	Prodotti ta' l-agrikolutra, tal-kaċċa u tal-forestrija; ħut u prodotti oħra tas-sajd
02	Faħam u lignite; pît; żejt mhux raffinat u gass naturali; uranju u torju
03	Metalli mhux maħduma u prodotti oħra tal-minjieri u tal-barrieri
04	Prodotti ta' l-ikel, xorb u tabakk
05	Tessuti u prodotti tat-tessuti; ġilda u prodotti tal-ġilda
06	Injam u prodotti ta' l-injam u tas-sufra (ħlief għamara); oġġetti magħmulin mit-tiben u materjal ta' l-immaljar; polpa, karta u prodotti tal-karta; materjal stampat u materjal rekordjat
07	Kokk, prodotti irfinuti tal-pitrolji u fjuwil nukleari
08	Kimiċi, prodotti kimiċi, u fibri magħmula mill-bniedem; gomma u prodotti tal-plastik
09	Prodotti oħra minerali li m'humiex metalliċi
10	Metalli bażiċi; prodotti ffabbrikati mill-metall, ħlief makkinarju u tagħmir

([1]) *Standard Goods for Transport Statistics*, 2000, adottat fl-erbgħa u sittin sessjoni (it-18-21 ta' Frar 2002) tal-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) u riveduta fis-sitta u ħamsin sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika tat-Trasport (it-8-10 ta' Ġunju 2005) taħt id-Dokument TRANS/WP.6/2004/1/Rev.2.

([2]) *Standard Goods Classification for Transport Statistics*/Riveduta, 1967. Ippubblikata mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (il-verżjoni Franċiża 1968).

▼B

Gruppi NST-2000	Deskrizzjoni tal-merkanzija
11	Makkinarju u tagħmir n.e.c.; makkinarju ta' l-uffiċċji u *computers*; makkinarju u apparat elettriku n.e.c.; tagħmir u apparat tar-radju, tat-televiżjoni u tal-komunikazzjoni; strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi; arloġġi u arloġġi ta' l-idejn
12	Tagħmir ta' trasport
13	Għamara; oġġetti oħra mmanifatturi n.e.c.
14	Materja prima sekondarja; skart muniċipali u tip ieħor ta' skart li mhux speċifikat f'post ieħor fis-CPA
15	Posta, pakketti postali *Nota:* din l-intestatura normalment tintuża għal oġġetti ttrasportati permezz ta' l-amministrazzjonijiet tal-posta u s-servizzi speċjalizzati ta' kurjer fid-diviżjonijiet 53.10 u 53.20 tan-Nace Rev. 2
16	Tagħmir u materjal utilizzat għat-trasport tal-merkanzija *Nota:* din l-intestatura tkopri oġġetti bħal kontejners vojta, paletti, kaxxi, ċestuni u gaġeġ. Tkopri wkoll vetturi użati sabiex iżommu l-merkanzija, fejn il-vettura nnifisha tinġarr minn vettura oħra. L-eżistenza ta' kodiċi ta' dan it-tip ta' materjal mhix ta' preġudizzju għall-kwistjoni jekk tali materjali għandhomx jgħoddu bħala "merkanzija", dan jiddependi mir-regoli tal-ġbir tad-data għal kull mezz ta' trasport.
17	Oġġetti traspostati fil-ġarr minn djar u uffiċċji; bagali trasportati separatament mill-passiġġieri; vetturi bil-mutur li jinġarru għat-tiswija; oġġetti oħra li ma jkunux għas-suq n.e.c.
18	Merkanzija ragruppata taħlita ta' tipi ta' merkanzija li huma ttrasportati flimkien *Nota:* din l-intestatura tintuża kull meta ma jkunx ikkunsidrat xieraq li l-merkanzija tiġi assenjata separatament lil gruppi 01-16.
19	Merkanzija li ma tistax tiġi identifikata: merkanzija li għal xi raġuni ma tistax tiġi identifikata u għalhekk ma tistax tiġi assenjata lill-gruppi 01-16. *Nota:* din l-intestatura hija intenzjonata tkopri merkanzija fejn l-unità ta' rappurtar ma jkollha ebda informazzjoni dwar it-tip ta' merkanzija li tkun qiegħda tiġi trasportata.
20	Merkanzija oħra n.e.c. *Nota:* din l-intestatura tkopri kwalunkwe oġġett li ma jistax jiġi assenjat lil xi wieħed mill-gruppi 01-19. Billi l-gruppi 01-19 huma maħsuba li jkopru l-kategoriji kollha previsti ta' merkanzija trasportata, l-użu tal-grupp 20 għandu jitqies mhux tas-soltu u jista' jindika l-ħtieġa għal kontrolli ulterjuri tad-*data* rappurtata taħt din l-intestatura.

▼B

Tabella F.2 Klassifikazzjoni NST/R

Gruppi ta' merkanzija	Kapitlu NST/R	Gruppi NST/R	Deskrizzjoni
1	0	01	Ċereali
2		02, 03	Patata, frott u ħxejjex oħra friski jew iffriżati
3		00, 06	Annimali ħajjin, pitrava zokkrija
4		05	Injam u sufra
5		04, 09	Tessuti, oġġetti tat-tessuti u fibri magħmulin mill-bniedem, materjal ieħor nej ta' annimali jew ħxejjex
6	1	11, 12, 13, 14, 16, 17	Oġġetti ta' l-ikel u għalf ta' l-annimali
7		18	Żerriegħa taż-żejt u frott u xaħmijiet oleaġinużi
8	2	21, 22, 23	Fjuwils minerali solidi
9	3	31	Żejt mhux raffinat
10		32, 33, 34	Prodotti taż-żejt
11	4	41, 46	Ħadid mhux maħdum, skart tal-ħadid u l-azzar u trab mill-blast furnace
12		45	Minerali mhux maħduma u skart li ma fihomx ħadid
13	5	51, 52, 53, 54, 55, 56	Prodotti tal-metall
14	6	64, 69	Siment, ġir, materjali mmanifatturati tal-bini
15		61, 62, 63, 65	Minerali mhux maħduma u mmanifatturati
16	7	71, 72	Fertilizzanti naturali u kimiċi
17	8	83	Kimiċi tal-faħam, qatran
18		81, 82, 89	Kimiċi li mhumiex kimiċi tal-faħam u qatran
19		84	Polpa tal-karti u skart tal-karti
20	9	91, 92, 93	Tagħmir tat-trasport, makkinarju, apparat, magni, armati jew le, u l-parts tagħhom
21		94	Manifatturi tal-metall
22		95	Ħġieġ, prodotti tal-ħġieġ, prodotti taċ-ċeramika
23		96, 97	Ġilda, tessuti, ħwejjeġ, artikoli oħra mmanifatturati
24		99	Artikoli mixxellanji”

▼B

ANNESS II

DEFINIZZJONIJIET, SPJEGAZZJONIJIET U LINJI TA' GWIDA GĦAR-RAPPURTAR TAD-DATA ADDIZZJONALI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1365/2006

TAQSIMA I. TRASPORT FUQ PASSAĠĠ TA' L-ILMA INTERNI

1. **Passaġġi ta' l-ilma interni navigabbli**

Dan it-terminu jkopri xmajjar, lagi, kanali u estwarji navigabbli. Passaġġ ta' l-ilma intern li jifforma fruntiera komuni bejn żewġ pajjiżi għandu jiġi rrappurtat mit-tnejn.

2. **Trasport fuq passaġġi ta' l-ilma interni**

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, il-movimenti ta' merkanzija u/jew passiġġieri permezz ta' bastimenti marittimi li jseħħu kompletament f'passaġġi ta' l-ilma interni navigabbli se jitqiesu bħala trasport fuq passaġġi ta' l-ilma interni u se jkunu soġġetti għall-istess obbligi dwar l-għoti tad-*data* irrispettivament minn jekk il-bastimenti marittimi jissemmewx speċifikament f'definizzjonijiet oħra.

Il-movimenti ta' merkanzija mibgħuta b'bastiment lil installazzjonijiet *offshore* huma esklużi. Bankers u ħażniet fornuti lil bastimenti fil-port huma esklużi, iżda żejt tal-banker ixxippjat lil bastimenti *offshore* huwa inkluż.

3. **Trasport fuq passaġġi ta' l-ilma interni nazzjonali**

Trasport fuq passaġġi ta' l-ilma interni nazzjonali jista' jinvolvi tranżitu minn pajjiż ieħor, iżda għal dan il-pajjiż, dan it-trasport għandu jiġi rrappurtat bħala tranżitu. Trasport b'kabotaġġ iddefinit bħala trasport fuq passaġġi ta' ilma interni nazzjonali mwettaq minn bastiment irreġistrat f'pajjiż ieħor huwa inkluż.

4. **Trasport fuq passaġġi ta' l-ilma interni internazzjonali**

It-trasport fuq passaġġi ta' l-ilma interni internazzjonali jista' jinvolvi tranżitu minn pajjiż terz wieħed jew iktar. Għal dawn il-pajjiżi msemmija l-aħħar dan it-trasport għandu jiġi rrappurtat bħala tranżitu.

5. **Trasport ta' tranżitu fuq passaġġi ta' l-ilma interni**

Trasport ta' tranżitu fuq passaġġi ta' l-ilma interni għandu jitqies bħala tali biss jekk matul il-vjaġġ sħiħ fit-territorju nazzjonali ma jkun hemm ebda trasbord.

6. **Pajjiż/reġjun tat-tagħbija**

Dan huwa l-pajjiż jew ir-reġjun tal-port (livell NUTS2 ([1])) fejn il-merkanzija ttrasportata titgħabba fuq bastiment.

7. **Pajjiż/reġjun tal-ħatt**

Dan huwa l-pajjiż jew ir-reġjun tal-port (livell NUTS2) fejn il-merkanzija ttrasportata tinħatt minn fuq bastiment.

8. **Tip ta' imballaġġ tal-merkanzija**

Il-merkanzija fuq bastiment tista' tiġi ttrasportata permezz ta' żewġ tipi ta' imballaġġ:

— Ġewwa kontejners kif definit fit-Taqsima III.1.

— Mhux fil-kontejners

([1]) In-nomenklatura ta' l-unitajiet territorjali skond ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). Kwalunkwe aġġornament fil-ġejjieni ta' din il-klassifikazzjoni adottat permezz ta' regolamenti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkun applikabbli għall-iskop ta' dan ir-Regolament.

▼B

TAQSIMA II. TIPI TA' BASTIMENTI

1. **Barkun immotorizzat**

Kwalunkwe bastiment tat-tagħbija mmotorizzat għall-passaġġi fuq l-ilma interni, ħlief barkuni tat-tanker immotorizzati.

2. **Barkun mhux immotorizzat**

Kwalunkwe bastiment tat-tagħbija mhux immotorizzat għall-passaġġi fuq l-ilma interni, ħlief barkuni tat-tanker mhux immotorizzati. Din il-kategorija tinkludi barkuni ttowjati, imbuttati u ttowjati-mbuttati.

3. **Barkun tat-tanker immotorizzat:**

Barkun immotorizzat maħsub għat-trasport ta' likwidi jew gassijiet f'tankijiet fissi.

4. **Barkun tat-tanker mhux immotorizzat**

Barkun mhux immotorizzat maħsub għat-trasport ta' likwidi jew gassijiet f'tankijiet fissi.

5. **Bastimenti oħrajn li jġorru l-merkanzija**

Kwalunkwe tip magħruf jew mhux magħruf ta' bastiment tat-tagħbija għall-passaġġi fuq l-ilma interni maħsub għall-ġarr ta' merkanzija mhux definita fil-kategoriji preċedenti.

6. **Bastiment marittimu**

Bastimenti li primarjament jinnavigaw f'passaġġi ta' l-ilma interni navigabbli jew f'ilmijiet ġo, jew qrib ħafna ta', ilmijiet kennija jew żoni fejn japplikaw ir-regolamenti tal-portijiet.

TAQSIMA III. KONTEJNERS

1. **Kontejner**

Kontejner għat-trasport tal-merkanzija jfisser artikolu ta' apparat tat-trasport:

1. ta' natura permanenti u għalhekk b'saħħtu biżżejjed sabiex ikun tajjeb għal użu repetittiv;

2. iddiżinjat speċjalment sabiex jiffaċilita t-trasport ta' merkanzija b'mod wieħed jew iktar ta' trasport, mingħajr tagħbija mill-ġdid f'nofs triq;

3. mgħammar b'apparat li jippermetti li jiġi mmaniġġjat faċliment, b'mod partikolari t-trasferiment tiegħu minn mezz wieħed ta' trasport għall-ieħor;

4. maħsub b'mod li jkun faċli biex jimtela u biex jiġi żvujtat;

5. li għandu tul ta' 20 pied jew iktar.

2. **Daqs tal-kontejner**

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament id-daqs tal-kontejners se jiġi rrappurtat skond erba' kategoriji:

1) Kontejners ISO ta' 20 Pied (tul ta' 20 pied u wisa' ta' 8 piedi)

2) Kontejners ISO ta' 40 Pied (tul ta' 40 pied u wisa' ta' 8 piedi)

3) Kontejners ISO itwal minn 20 pied imma inqas minn 40 pied

4) Kontejners ISO itwal minn 40 pied

(Kontejners iżgħar minn 20 pied jew ta' daqs mhux magħruf għandhom jiġu rrappurtati taħt il-Kategorija 1).

▼B

3. **Status tat-tagħbija tal-kontejners**

Il-kontejners jista' jkollhom żewġ tipi ta' status tat-tagħbija irrispettivament mid-daqs tagħhom.

— mgħobbija, meta kwalunkwe tip ta' merkanzija tkun qed tiġi ttrasportata ġewwa l-kontejner

— vojta, meta l-kontejner ma jkollu ebda merkanzija fih.

TAQSIMA IV. TRAFFIKU FUQ PASSAĠĠ TA' L-ILMA INTERNI

1. **Numru ta' movimenti ta' bastimenti mgħobbija**

Moviment wieħed ta' bastiment mgħobbi jingħadd bħala l-moviment ta' bastiment mill-port tat-tagħbija ta' kwalunkwe tip ta' merkanzija sal-port ta' wara tat-tagħbija jew il-ħatt.

2. **Numru ta' movimenti ta' bastimenti vojta**

Moviment wieħed ta' bastiment vojt jingħadd bħala l-moviment ta' bastiment minn port wieħed sa ieħor li għalih il-piż gross-gross tal-merkanzija jkun żero. Il-moviment ta' bastiment li jġorr kontejners vojta ma jitqiesx bħala bastiment vojt.

TAQSIMA V. UNITAJIET

1. **Tunnellata**

Unità għall-kejl tal-piż tal-merkanzija ttrasportata ekwivalenti għal 1 000 kilogramma.

Il-piż għandu jitqies fil-piż gross-gross tal-merkanzija. Il-piż li jitqies huwa ekwivalenti għall-piż totali tal-merkanzija u l-imballaġġ u l-piż tara tat-tagħmir bħall-kontejners, *swap bodies* u palletti. Meta dan il-piż tara jiġi eskluż, il-piż ikun il-piż gross.

2. **Tunnellati-Km**

Unità għall-kejl tat-trasport tal-merkanzija ekwivalenti għal tunnellata ta' merkanzija ttrasportata fuq distanza ta' kilometru.

Għall-iskopijiet ta' rappurtar tal-prestazzjoni fir-rigward tat-tunnellata-km, għandha titqies biss id-distanza vjaġġata fuq il-passaġġi ta' l-ilma interni.

3. **TEU**

Unità għall-kejl tad-daqs tal-kontejner ekwivalenti għal unità ta' 20 pied. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, japplikaw l-ekwivalenzi li ġejjin:

1) Kontejners ISO ta' 20 Pied (tul ta' 20 pied u wisa' ta' 8 piedi) = 1TEU

2) Kontejners ISO ta' 40 Pied (tul ta' 40 pied u wisa' ta' 8 piedi) = 2 TEU

3) Kontejners ISO b'iktar minn 20 pied u inqas minn 40 pied tul = 1,5 TEU

4) Kontejners ISO itwal minn 40 pied = 2,25 TEU

4. **TEU-Km**

Unità għall-kejl tat-trasport tal-merkanzija ekwivalenti għal TEU waħda ttrasportata fuq distanza ta' kilometru.

Għall-iskopijiet ta' rappurtar tal-prestazzjoni fir-rigward tat-TEU-km, għandha titqies biss id-distanza vjaġġata fuq il-passaġġi ta' l-ilma interni.

▼B

5. **Bastimenti-Km**

Unità għall-kejl tat-traffiku tal-bastimenti ekwivalenti għall-moviment ta' bastiment fuq distanza ta' kilometru. Għall-iskopijiet ta' rappurtar tal-prestazzjoni fir-rigward tal-bastiment-km, għandha titqies biss id-distanza vjaġġata fuq il-passaġġi ta' l-ilma interni.

▼B

ANNESS III

DESKRIZZJONI TAL-FAJLS TAD-DATA U L-MEZZ GĦAT-TRAŻMISSJONI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 1365/2006

Deskrizzjoni ta' l-elementi li għandhom jintużaw f'kull fajl tad-data

Sommarju ta' l-elementi li għandhom jingħataw f'kull fajl tad-*data* (tabelli) ta' dan ir-Regolament huwa ppreżentat fit-tabella li ġejja.

Elementi	Format u daqs	Tabella						
		A1	B1	B2	C1	D1	D2	E1
Qisien								
Numru tat-tabella	an2	X	X	X	X	X	X	X
Pajjiż tar-rappurtar	a2	X	X	X	X	X	X	X
Sena	n4	X	X	X	X	X	X	X
Kwart tas-sena	n2					X	X	
Pajjiż/reġjun tat-tagħbija	an4	X	X		X			
Pajjiż/reġjun tal-ħatt	an4	X	X		X			
Tip ta' trasport	n1	X	X	X	X	X	X	X
Tip ta' merkanzija	n2	X			X			X
Tip ta' imballaġġ	n1	X						
Tip ta' bastiment	n1		X					
Nazzjonalità tal-bastiment	a2		X			X	X	
Daqs tal-kontejner	n1				X			
Status tat-tagħbija	n1				X		X	
Valuri								
Tunnellati ttrasportati	n..12	X	X		X	X	X	X
Tunnellati-Km	n..18	X	X		X	X	X	X
Numru ta' movimenti ta' bastimenti mgħobbija	n..12			X				
Numru ta' movimenti ta' bastimenti vojta	n..12			X				
Bastimenti -Km (bastimenti mgħobbija)	n..18			X				
Bastiment -Km (bastimenti vojta)	n..18			X				
TEU	n..12				X		X	
TEU-Km	n..18				X		X	

▼B

Żewġt oqsma huma identifikati fil-kolonna assoċjata mat-tabella rilevanti:

— “X”: oqsma li għandhom jingħataw għal tabella;

— “” (spazju): oqsma mhux rilevanti għat-tabella (ma għandhomx jiġu pprovduti).

Il-format ta' kull qasam huwa jew numeriku (n) jew alfabetiku (a) jew alfanumeriku (an). Id-daqs huwa jew iffissat (“format + numru” — e.g.: “n4”) jew varjabbli b'numru massimu ta' pożizzjonijiet (“format” + “…” + numru massimu ta' pożizzjonijiet — e.g.: “n..12”).

Deskrizzjoni tal-mezz tat-trażmissjoni

Il-format tat-trażmissjoni li għandu jintuża għandu jkun kompatibbli ma' trażmissjoni awtomatika tad-*data* (approċċ EDI).

Il-format “CSV” (*Comma Separated Values* — Valuri Mifrudin b'Virgola) b'punt u virgola (;) li jifirdu l-qasam huwa aċċettabbli.

Format ieħor iktar avvanzat ibbażat fuq standard ta' skambju xieraq jista' wkoll jiġi speċifikat mill-Eurostat. L-Eurostat imbagħad tagħmel disponibbli d-dokumentazzjoni dettaljata dwar kif jiġi implimentat dan l-istandard skond ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Id-*data* għandha tiġi trażmessa jew *uploaded* permezz ta' mezzi elettroniċi fil-punt ta' aċċess uniku għad-*data* fl-Eurostat.

Fajl separat wieħed għal kull tabella tar-Regolament u perjodu għandu jintbagħat.

Il-konvenzjoni li ġejja għall-għoti ta' isem li fajl hija meħtieġa:

“IWW_Tabella_Frekwenza_Pajjiż_Sena_Perjodu[_KampFakultattiv].format” fejn:

IWW	Għal Inland Waterways data (*Data dwar il-Passaġġi fuq l-ilma interni*)
Tabella	“A1”, “B1”, “B2”, “C1”, “D1”, “D2” jew “E1”
Frekwenza	“A” għal Annwali “Q” għal Trimestru
Pajjiż	Il-pajjiż rapportatur: Uża NUTS0
Sena	Is-sena tad-*data* fuq 4 pożizzjonijiet (eż. 2007)
Perjodu	“0000” għal Annwali “0001” għall-ewwel trimestru Q01 “0002” għat-tieni trimestru Q02 “0003” għat-tielet trimestru Q03 “0004” għar-raba' trimestru Q04
[_Qasam Fakultattiv]	Jista' jkun fih kwalunkwe katina minn 1 sa 220 karattru (minn “A” sa “Z”, “0” sa “9” jew “_” biss huma permessi). Dan il-qasam mhuwiex interpretat mill-għodod ta' l-Eurostat.
.format	Il-Format tal-fajl: (eż. “CSV” għal Valur Separat b'Virgola, “GES” għal GESMES)

Eżempju:

Il-fajl “IWW_D1_Q_FR_2007_0002.csv” huwa l-fajl tad-*data* li fih id-*data* tat-tabella D1 tar-Regolament għal Franza, għat-tieni trimestru tas-sena 2007.